# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 29 ta' April, 2021.**

**Numru 2**

**Rikors maħluf numru 173/2016/1**

**Nadia Al Tasha f'isimha proprju u bħala rappreżentanti leġittima ta' binha minuri Hannibal Mamo**

***v.***

**Av. John Vassallo u Elton Mamo u Rania Vella għal kull interess li jista' jkollhom**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Frar 2017 li, għalkemm laqgħet it-talba tagħhom għal dikjarazzjoni li l-attriċi għandha s-setgħa tal-ġenituri fuq l-attur Hannibal Mamo li għadu minorenni, ċaħdet it-talbiet tagħhom biex tgħid illi l-liġi ma tippermettix li jinħatru kuraturi għall-istess Hannibal Mamo u biex tħassar dikrieti mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta'

Ġurisdizzjoni Volontarja) li ħatret kuraturi għall-minuri. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur Hannibal Mamo huwa iben l-attriċi u żewġha Evan Mamo, illum mejjet. Bl-aħħar testment tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2014 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone, il-missier kien ħatar bħala werrieta tiegħu lil Hannibal u lill-konvenuti Elton Mamo u Rania Vella, ulied li kellu minn żwieġ ieħor, u fir-raba' artikolu tat-testment kompla iddispona hekk:

> »It-testatur irid u jordna li bħala kuratur ta' ibnu Hannibal, sakemm dan jagħlaq l-età ta' ħamsa u għoxrin sena, hu jaħtar lill-Avukat Dottor John Vassallo.«

3. B'dikriet mogħti fil-5 ta' Jannar 2016 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) ħatret lill-Avukat Vassallo bħala kuratur tal-minuri wara li, b'dikriet ieħor tas-16 ta' Ottubru 2015, kienet awtor-izzatu sabiex f'isem il-minuri jaċċetta l-wirt tal-missier.

4. Billi dehrilha illi l-artt. 91[1] u 233[2] tal-Kodiċi Ċivili ma jħallux li jinħatru kuraturi għal minuri meta dak il-minuri jinsab Malta u l-ġenituri jew wieħed minnhom ikunu għadhom ħajjin, għax f'dak il-każ l-amministrazzjoni tal-ġid tal-minuri taqa' *ex lege* fuq il-ġenitur jew ġenituri, l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti:

> »i) tiddikjara illi l-minuri Hanibal Mamo huwa suġġett ghas-setgħa tal-ġenitur tal-attrici;

[1] **91.** Meta ma jkunx hemm setgħa tal-ġenituri, il-ħatra ta' tutur għat-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ issir minn dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien.

[2] **233.** (1) Jekk xi wħud mit-tfal tal-assenti jkunu taħt l-età, u ma jkunux suġġetti għas-setgħa tal-ġenituri, il-qorti tista', fuq talba ta' kull min ikun, taħtar għal dawk it-tfal kuratur wieħed jew iżjed.

(2) Id-dispożizzjonijiet dwar it-tutela ta' minuri li jkollu l-ġenituri tiegħu mejtin, igħoddu, safejn jistgħu jgħoddu, għall-kurazija ta' minuri ordnata skont dan l-artikolu.

»ii) tiddikjara konsegwentement illi fiċ-ċirkostanzi l-liġi ma tippermettix in-nomina ta' kuratur għall-minuri Hanibal Mamo;

»iii) konsegwentement tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-digrieti maħruġa mill-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) numru 919/15 mogħtija fuq talba ta' Dr John Vassallo fis-16 ta' Diċembru 2015 u fil-5 ta' Jannar 2016.«

5. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. Preliminarjament illi l-kawża kif intavolata minn Nadia Al Tasha fil-kwalità ta' 'leġittima rappreżentanti ta' binha minuri Hannibal Mamo' hija irritwali u nulla, fid-dawl tad-digrieti viġenti tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) li kkonfermaw il-ħatra tal-esponent l-Avukat John Vassallo bħala kuratur tal-minuri Hannibal Mamo.

»… … … l-istess attriċi messha pproċediet kontra kuratur speċjali li jiġi maħtur minn din l-onorabbli qorti biex, fiċ-ċirkostanzi tal-istanza odjerna, jirrappreżenta l-interessi tal-minuri msemmi. Għall-finijiet kollha tal-liġi l-attriċi ma setgħetx tipproċedi kif għamlet daqslikieku d-digrieti riferenzjati ma jeżistux.

»2. Minghajr preġudizzju għall-premess jingħad illi fl-għoti tad-digriet tagħha l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) ipproċediet b'mod għal kollox korrett sew fid-dawl tad-disposizzjoni testamentarja relativa tad-defunt Evan Mamo kif ukoll tal-artikolu 136[3] tal-Kodiċi Ċivili.«

6. Il-konvenuti komplew ressqu wkoll eċċezzjoni ulterjuri li tgħid hekk:

»Illi l-esponenti għandhom jinħelsu mill-harsien tal-ġudizzju ladarba r-rikorrenti Nadia Al Tasha għażlet li tipproċedi fil-konfront tal-esponent l-Avukat John Vassallo, fil-kwalità tiegħu ta' kuratur tal-minuri Hannibal Mamo, sabiex il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja li kkonfermat il-ħatra tal-istess avukat bħala kuratur tordna l-ħlas tal-manteniment għall-minuri msemmi; u dan għaliex bl-azzjoni mittieħda kif qed jingħad fil-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja r-rikorrenti Al Tasha innewtralizzat, *ipso facto* u *ipso iure*, l-interess ġuridiku meħtieġ għall-prosegwiment tal-kawża odjerna.«

7. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»… … … filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, qiegħda tilqa' l-ewwel talba attriċi fis-sens illi l-minuri Hanibal Mamo hu soġġett għas-setgħa tal-ġenitur fil-persuna tal-attrici *previa* li l-istess tottempera ruħha mal-liġi biex tipprevali minn tali dritt, u tiċħad it-tieni u t-tielet

[3] **136.** (1) Il-ġenituri flimkien jamministraw il-proprjetà ta' uliedhom, imwielda jew le, ħlief dik il-proprjetà li tiġi għand l-ulied bil-kondizzjoni li tkun amministrata biss minn wieħed mill-ġenituri jew minn terzi.

talbiet attriċi. L-ispejjeż jitħallsu terz mill-konvenuti u żewġ terzi mill-attriċi f'isimha personali.«

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Permezz ta' din il-kawza l-attriċi f'isimha u f'isem binha Hannibal Mamo qed titlob dikjarazzjoni li binha Hannibal hu soġġett għas-setgħa tal-ġenituri u konsegwentement mhux permess in-nomina ta' kuraturi għal minuri. Milqugħa dawn it-talbiet qed titlob ir-revoka tad-digrieti tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fejn Dr John Vassallo ġie konfermat kuratur tal-minuri fit-termini tal-aħħar volontà ta' missier il-minuri Evan *sive* Ivan Mamo.
>
> »Ir-rikorrenti kienet miżżewġa lil Evan Mamo li miet fis-17 ta' Marzu 2015. Minn dan iż-żwieġ kellhom tifel bl-isem ta' Hannibal. Jirriżulta li Evan Mamo kellu żewġt itfal oħra minn żwieġ preċedenti. Evan Mamo għamel testament datat 15 ta' Diċembru 2014 fl-atti Nutar Joseph Tabone fejn ħalla bħala werrieta universali tiegħu lill-minuri Hannibal kif ukoll liż-żewġ uliedu l-oħra u konvenuti f'din il-kawża. It-testatur ordna li bħala kuratur ta' ibnu Hannibal, sakemm jagħlaq 25 sena, jinħatar Dr John Vassallo.
>
> »Fil-mori tal-proċeduri Dr John Vassallo ġie awtorizzat jaċċetta l-wirt provenjenti mill-assi ereditarju ta' Evan Mamo għan-nom tal-minuri Hannibal Mamo b'digriet tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja tas-16 ta' Ottubru 2015 u b'digriet ieħor tal-5 ta' Jannar 2016 ġie maħtur formalment bħala kuratur tal-minuri fit-termini tal-aħħar volontà tat-testatur.
>
> »Hi l-pretensjoni tal-attriċi illi mhix ammess li jinħatru tuturi jew kuraturi fejn il-minuri jinsab Malta u fejn wieħed mill-ġenituri għadu ħaj għax f'dak il-każ id-dritt u obbligu ta' amministrazzjoni tal-ġid tal-minuri jaqa' *ex lege* fuq il-ġenitur il-haj. Huma jsostnu li dan jirriżulta minn qari tal-artikolu 91 u 233 tal-Kap. 16.
>
> »Din il-qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument. L-artikolu 136(1) tal-Kap. 16 b'mod ċar u speċifiku jgħid:
>
> > »"Il-ġenituri flimkien jamministraw il-proprjetà ta' uliedhom, imwielda jew le, ħlief dik il-proprjetà li tiġi għand l-ulied bil-kondizzjoni li tkun amministrata biss minn wieħed mill-ġenituri jew minn terzi."
>
> »Dan l-artikolu filwaqt li ma jagħmilx distinzjoni mingħand minn tiġi l-proprjetà għand l-ulied jgħid b'mod inkonfondibbli illi l-amministrazzjoni ta' tali proprjetà tista' tiġi mħollija lil terzi.
>
> »It-testatur kien ċar u inekwivoku meta fir-raba' artikolu tat-testment użufruwixxa ruħu mill-artikolu 136(1) tal-Kap. 16 biex jinkonferixxi l-amministrazzjoni tal-ġid imħolli minnu lil ibnu Hannibal f'idejn Dr John Vassallo sakemm il-minuri jagħlaq 25 sena. Dak li jikkontjeni t-testment għandu jipprevali u jorbot *erga omnes* jekk hu konformi ma' dak li tippermetti l-liġi.
>
> »L-attriċi qed targumenta li l-artikoli 91 u 233 tal-Kap. 16 juru mod ieħor. Dan l-argument hu wkoll insostenibbli. Dawn l-artikoli qed

jipprospettaw sitwazzjonijiet ben differenti. L-artikolu 91 qed jipprospetta l-każ ta' wlied imwielda barra ż-żwieġ mhux soġġetti għas-setgħa ta' missier u l-artikolu 233 jipprospetta l-każ ta' tfal minuri ta' assenti mhux soġġetti għas-setgħa tal-missier, fejn allura l-qorti jkollha s-setgħa tappunta kuratur. Dawn huma ċirkostanzi fejn il-qorti għandha s-setgħa tappunta kuratur u ma jxejjinx il-poter mogħti mil-liġi lit-testatur biex jappunta kuratur limitatament għall-amministrazzjoni tal-beni tal-minuri provvenjenti minn assi ereditarju mħolli mit-testatur lil minuri.

»Għalhekk it-tieni talba għandha tiġi miċħuda u konsegwentement anki t-tielet talba billi d-digrieti tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja saru *ai termini* ta' dak permess mil-liġi.

»In kwantu għall-ewwel talba attriċi, din il-qorti tagħmel distinzjoni bejn is-setgħa ta' testatur li jappunta kuratur għal minuri rigward assi ereditarju mħolli minnu lil minuri u s-setgħa tal-ġenitur li bl-ebda mod ma hi mittiefsa bl-artikolu 136(1) tal-Kap. 16. Is-setgħa tal-ġenitur hi kondizzjonata u limitata biss f'dak li huma l-assi mogħtija lil minuri f'testment soġġetti għall-amministrazzjoni ta' terzi skont l-istess testment, liema setgħa ta' amministrazzjoni ma testendix għal dawk l-assi. Għal bqija japplika l-artikolu 135 tal-Kap. 16 *cioè* li l-ġenituri jidhru għal uliedhom, imwielda jew le, fl-atti kollha tal-ħajja ċivili u skont l-artikolu 146(1) jekk wieħed mill-genituri jmut is-setgħa tal-ġenitur tgħaddi biss għand il-ġenitur li jibqa' ħaj dwar it-tfal tiegħu u l-beni tagħhom, magħduda beni li jgħaddu għand it-tfal mill-beni tal-ġenitur mejjet u minn kull kawża oħra wara li jkun miet l-ewwel ġenitur.

»Il-qorti ma tqisx inkompatibilità bejn l-artikolu 136(1) u l-artikolu 146(1). Sakemm jiġi ottemperat dak li trid il-liġi f'dak li huma formalitajiet legali meħtieġa mill-ġenitur li jibqa' ħaj biex jiġi konfermat fid-dritt tal-*patria potestà*, il-kuratur ma jistax jinjora jew jeskludi s-setgħa tal-ġenitur fuq il-wild tiegħu u l-beni tiegħu u daqstant ieħor il-ġenitur ma jistax jinjora x-xewqa tal-ġenitur il-mejjet li afda l-amministrazzjoni tal-wirt imħolli lil minuri f'idejn kuratur minnu nominat.

»Għalhekk f'dan il-kuntest biss l-ewwel talba qed tiġi milqugħa.

»Eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku

»Magħdud dak hu ċar illi l-attriċi kellha interess tistwixxi din il-kawża almenu safejn tirrigwarda l-ewwel talba u l-qies li fih għandha tiġi milqugħa. Il-fatt illi hi aġixxiet kontra l-kuratur fil-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja ma jimplikax nuqqas ta' interess f'dawn il-proċeduri kif fuq kunsidrat u deċiż.

»Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

»Eċċezzjoni li l-attriċi ma tistax tistwixxi l-kawża bħala rappreżentant leġittima ta' binha minuri minħabba li Dr John Vassallo ġie nominat kuratur fl-amministrazzjoni tal-wirt tal-minuri provenjenti mill-wirt ta' missieru.

»Din l-eċċezzjoni ġà ġiet trattata u deċiża fil-kawza Nadia Al Tasha bħala leġittima rappreżentanti ta' binha minuri Hannibal Mamo *v.* Elton Mamo u Rania Vella deċiża fl-14 ta' Lulju 2016 (737/2015 LSO) fejn dik il-qorti ċaħdet l-eċċezzjoni sakemm ikunu saru l-formalitajiet legali meħtieġa senjatament l-iskrizzjoni ipotekarja *ai termini* tal-artikolu 2038 tal-Kap. 16 fejn tiġi konfermata li għandha l-leġittima rappreżent-

anza ta' binha. Għalkemm ma ġiex pruvat f'din il-kawża li sallum dan l-obbligu ġie ottemperat, ma jfissirx li t-talba attriċi almenu f'isimha u f'isem binha minuri għal fini tal-ewwel talba tagħha safejn twassal dik l-istess talba għandha tiġi miċħuda, u qed tiġi milqugħa prevja ottemperanza mal-obbligu legali fuq imsemmi.«

9. L-attriċi appellat b'rikors tat-3 ta' Marzu 2017. Il-konvenuti ma weġbux għar-rikors tal-appell iżda b'rikors tat-22 ta' Lulju 2020 il-konvenut Avukat Vassallo osserva illi:

> »Jiġi rilevat illi fl-istess sentenza [appellata] ġie deċiż ukoll li "l-minuri Hannibal Mamo hu soġġett għas-setgħa tal-ġenitur fil-persuna tal-attrici prevja li l-istess tottempera ruħha mal-liġi biex tipprevali minn dan id-dritt".
>
> »Effettivament l-attriċi għadha sallum ma ottemperatx ruħha mal-liġi, jiġifieri li tiskrivi l-ipoteka rikjesta.«

10. Għalkemm ma talabx hekk espressament, l-Avukat Vassallo qiegħed effettivament igħid illi l-attriċi ma tistax tkompli din il-kawża f'isem binha minuri għax, ladarba naqset "li tiskrivi l-ipoteka rikjesta", hija tilfet is-setgħa tal-ġenitur fuqu, kif igħidu u jridu l-artt. 150 u 2038(2) tal-Kodiċi Ċivili.

11. L-obbligu tal-ġenitur li jagħmel iskrizzjoni ta' ipoteka legali favur il-wild minuri, taħt piena li jitlef is-setgħa tal-ġenituri, joħroġ mill-art. 2019 tal-Kodiċi Ċivili:

> »**2019.** (1) Minuri għandu ipoteka legali ġenerali fuq il-beni tal-ġenitur li għas-setgħa tiegħu huwa jkun suġġett dwar ir-responsabbiltà li dak il-ġenitur ikun ħa fl-amministrazzjoni tal-beni tal-minuri.
>
> »(2) Dik l-ipoteka tibda sseħħ minn dak in-nhar li l-amministrazzjoni tal-beni tgħaddi f'idejn il-ġenitur.«

12. Tassew illi l-ewwel qorti qalet illi l-attriċi għandha "tottempera ruħha mal-liġi biex tipprevali minn dan id-dritt" ta' setgħa tal-ġenituri. Dan ifisser illi għandha twettaq l-obbligi li tqiegħed fuqha l-liġi iżda mhux ukoll obbligi li l-liġi ma timponix.

13. Fil-każ tallum ladarba ma ntweriex li l-minuri għandu beni oħra barra dawk li wiret mingħand missieru, u l-amministrazzjoni tal-beni li wiret mingħand il-missier ma hijiex f'idejn l-attriċi iżda f'idejn il-kuratur, l-attriċi ma għandha ebda obbligu ta' iskrizzjoni ta' ipoteka legali taħt l-art. 2019 tal-Kodiċi Ċivili. Tassew illi l-attriċi b'din il-kawża qiegħda titlob li titħassar il-ħatra tal-kuratur, iżda sakemm dik it-talba għadha pendenti l-ħatra tal-kuratur għadha fis-seħħ u, kemm *de iure* u kemm *de facto*, l-amministrazzjoni tal-beni tal-minuri ma għaddietx f'idejn l-attriċi.

14. Għalhekk ma huwiex il-każ illi l-attriċi tilfet is-setgħa tal-ġenitur, u l-appell sar validament f'isem il-minuri wkoll.

15. Ngħaddu mela għall-meritu tal-appell, li ġie mfisser hekk:

> »Illi l-ewwel qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi meta ċaħdet it-tieni u t-tieiet talba attriċi u dan *stante* li kellu jirriżulta illi, *una volta* li t-tifel, kif ben aċċettat mill-ewwel qorti, għadu taħt is-setgħa tal-ġenitur ta' ommu allura ma kienx hemm lok ta' nomina ta' kuratur. Konsegwentement l-ewwel qorti kellha tiddikjara null u bla effett id-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) li permezz tiegħu Dr John Vassallo ġie hekk nominat kuratur tal-minuri.
>
> »Illi l-ewwel qorti … bdiet il-konsiderazzjonijiet tagħha billi straħet fuq l-artikolu 136(1) tal-Kap. 16 li jgħid:
>
> > »"Il-ġenituri flimkien jamministraw il-proprjetà ta' uliedhom, imwielda jew le, ħlief dik il-proprjetà li tiġi għand l-ulied bil-kondizzjoni li tkun amministrata biss minn wiehed mill-ġenituri jew minn terzi."
>
> »Illi l-ewwel qorti kompliet tgħid, wara li eżaminat is-sottomissjonijiet tal-appellanti, illi l-liġi tippermetti t-testatur jinnomina kuratur limitatament għall-amministrazzjoni tal-beni tal-minuri provvenjenti minn assi ereditarju mħolli mit-testatur lill-minuri.
>
> »Illi il-liġi tikkontempla biss flit xenarji fejn minorenni jkunu taħt l-amministrazzjoni ta' terza persuna:-
>
> »i) it-tutela skont l-artikolu 157 *et seq.* tal-Kap. 16 li jgħid:-
>
> > »"Tifel ta' taħt l-età, li l-ġenituri tiegħu jkunu mietu jew ikunu tilfu s-setgħa tal-ġenituri u li ma jkunx iżżewweġ, jista' jiġi mqiegħed taħt tutela sakemm isir tal-età jew sakemm jiżżewweġ."

»ii) kuratur *ad ventrem* skont l-artikolu 170 tal-Kap. 16:-

> »"Jekk, meta r-raġel imut mingħajr tfal, il-mara tiddikjara li hija tqila, il-qorti tista', fuq taiba ta' kull min ikollu interess, taħtar kuratur *ad ventrem*, sabiex ma jkunx hemm dubju fuq it-twelid tat-tarbija, jew li din tinbidel, u biex jiġu amministrati l-beni sa dak in-nhar tat-twelid, taħt dawk il-provvedimenti li l-qorti jidhrilha li għandha tagħti."

»iii) kuratur għat-tfal tal-assenti skont l-artikolu 233 tal-Kap. 16:-

> »"Jekk xi wħud mit-tfal tal-assenti jkunu taħt l-età, u ma jkunux suggetti għas-setgħa tal-ġenituri, il-qorti tista', fuq talba ta' kull min ikun, taħtar għal dawk it-tfal kuratur wieħed jew iżjed."

»Illi f'dawn it-tliet artikoli tal-ligi tispikka l-idea f'kull każ illi l-wild ikun rappreżentat biss f'każ ta' telf jew nuqqas tas-setgħa tal-ġenitur (fil-każ tal-artikoli 157 u 233) u sakemm jitwieled il-minuri (fil-każ ta' kuratur *ad ventrem*).

»Illi l-funzjoni ta' kuratur testendi lil hin mis-sempliċi żamma tal-assi sakemm il-minuri jagħlaq l-età maġġorenni. Kuratur huwa obbligat jamministra bl-aktar mod ampju, dejjem fl-interess tal-persuna jew entità li jkun qed jirrappreżenta, suġġett għall-obbligu li jagħti kont ta' l-amministrazzjoni tiegħu.

»Illi dak li probabilment kellu f'moħħu t-testatur huwa li jew iħalli l-proprjetà intenzjonata għall-minuri f'idejn terza persuna jew jinnomina eżekutur testamentarju kif previst fl-artikolu 762 tal-Kap. 16. Dan però għandu funzjoni u obbliġi ben differenti minn dawk ta' kuratur.

»Illi kif intqal fis-sentenza <u>Loris Bianchi *pro et noe v.* Elenita Zammit</u>[4]:-

> »"Huwa minnu … li fid-deċiżjoni tagħha fil-kawża … <u>Amante Scicluna *v.* Teresa armla Abela</u>, mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' April 1965 fuq l-iskorta ta' deċiżjonijiet oħra preċedenti, ġie riaffermat u ribadit il-principju li l-esekutur testamentarju bħala mandatarju *sui generis* għandu jżomm ruħu fil-limiti ta' l-inkariku tiegħu u m'għandu l-ebda fakultà oħra ħlief dawk neċessarji għall-adempiment tad-disposizzjonijiet testamentarji."

»Illi kwistjoni simili ġiet trattata f'sentenza fl-ismijiet <u>Ċettina Camilleri *v.* Dottor Nadine Delicata *et*</u>[5] fejn it-testatur għamel disposizzjoni fit-testment illi wara mewtu l-kura u kustodja tal-minuri jkun f'idejn il-mara (omm il-minuri) u membru ieħor tal-familja. Il-qorti annullat din id-disposizzjoni. Qalet hekk.

> »"Illi l-liġi fl-artikolu 146 tjiddisponi b'mod ċar li jekk wieħed mill-ġenituri jmut is-setgħa tal-ġenitur tgħaddi għand il-ġenitur li jibqa' ħaj. Hekk ukoll tgħaddi f'idejn il-ġenitur li jibqa' ħaj l-amministrazzjoni tal-beni li jkunu tal-ulied u li jkunu wirtu. Fil-fehma tal-qorti tali disposizzjoni tal-liġi hija ta' ordni pubbliku u m'hemmx wisq x'jingħad aktar. Li kieku kellu jiġi aċċettat dak li ddispona Joseph Camilleri fit-testment tiegħu jkun ifisser li fejn ikun hemm ċirkustanzi familjari problematiċi missier jew omm b'daqqa ta' pinna f'testment jiddeċiedi jew tiddeċiedi biex forsi jpattiha jew

---

4 Qorti tal-Appell, 14 ta' Frar 1995.

5 Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali), 25 ta' April 2014.

> tpattiha lil martu jew żewġha li s-setgħa tal-ġenitur ma tibqax biss f'idejn is-sopravissut jew sopravissuta. Dan mhux neċessarjament ikun ta' ġid għat-tfal partikolarment jekk mal-familjari jew mal-persuna msemmija dak il-ġenitur ma jkunx jaqbel bħal ma ġara f'dan il-każ. Hemm toroq oħra provduti mil-liġi u mill-awtoritajiet biex minuri jiġu saivagwardjati meta jinħoloq il-bżonn. Tant huwa hekk per eżempju li l-liġi nnifisha fl-artikolu 154 jistipula meta tista' tintilef is-setgħa ta' ġenitur u dan billi titneħħa mill-qorti."«

16. Ma jgħidux sew l-appellanti illi fit-tliet każijiet imsemmija minnhom biss il-beni ta' minuri jkunu amministrati minn terzi; hemm ukoll il-każ tal-art. 136(1) tal-Kodiċi Ċivili li speċifikament jolqot il-każ tallum, u li jippermetti espressament illi proprjetà titħalla lill-minuri bil-kondizzjoni li tkun amministrata minn terzi.

17. Imbagħad hemm differenza bejn il-kura tal-minuri, li fil-każ tallum hija vestita fl-attriċi bħala omm bis-setgħa tal-ġenitur, u l-amministrazzjoni tal-beni, li hija vestita fil-kuratur. Il-kuratur ma għandux setgħa fuq il-persuna tal-minuri iżda biss fuq il-beni li ġew lilu mill-wirt tal-missier. Għalhekk dak li tgħid is-sentenza ta' <u>Ċettina Camilleri</u> ċitata mill-appellanti, fejn id-disposizzjoni testamentarja riedet illi mhux biss l-amministrazzjoni tal-beni iżda wkoll il-kura u l-kustodja tal-minuri tkun vestita f'terzi, ma huwiex relevanti għall-każ tallum, għax fil-każ tallum il-kura u l-kustodja baqgħet sħiħa f'idejn l-omm weħedha, u hija biss l-amministrazzjoni tal-beni ġejjin mill-wirt li hija f'idejn il-kuratur.

18. Daqshekk ieħor irrelevanti hija s-sentenza l-oħra ċitata mill-appellanti, dik ta' <u>Loris Bianchi</u>, għax fil-każ tallum il-ħatra hija ta' kuratur mhux ta' esekutur testamentarju.

19. Billi għalhekk dak li ordnat l-ewwel qorti huwa dak li jippermetti li jsir l-art. 136(1) tal-Kodiċi Ċivili, l-aggravju tal-appell għandu jiġi miċħud.

20. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata ħlief fejn qieset li hemm ħtieġa li l-attriċi *proprio* għandha taħseb għall-iskrizzjoni ta' ipoteka legali. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata; l-ispejjeż tal-appell jinqasmu hekk: tliet ishma minn erbgħa (¾) tħallashom l-appellanti Nadia Al Tasha *proprio* u s-sehem l-ieħor minn erbgħa (¼) jħallsu l-kuratur peress li ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tiegħu ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva tal-attriċi biex tidher f'isem binha.

Giannino Caruana Demajo
President

Tonio Mallia
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr